IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

29 ta' Settembru 2014
101/2014

## IL-QUDDIESA TA' RADD IL-ĦAJR GĦALL-40 ANNIVERSARJU TAL-ORDINAZZJONI EPISKOPALI TAL-ARĊISQOF EMERITU ĠUŻEPPI MERCIECA

Illum, 29 ta' Settembru 2014, il-Knisja f'Malta qed tiċċelebra l-40 anniversarju mill-ordinazzjoni episkopali tal-Arċisqof Emeritu, Mons. Ġużeppi Mercieca. Waqt il-Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla, li ser issir illejla fil-Katidral tal-Imdina, fis-6.30 p.m., l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P., f'isem il-Knisja, ser jippreżenta donazzjoni ta' flus b'risq il-fond ta' karità ta' Mons. Mercieca. Tul l-episkopat tiegħu, permezz ta' dan il-fond, l-Arċisqof Mercieca għen persuni morda, familji fil-bżonn u diversi opri ta' karità fl-artijiet tal-missjoni. L-Arċisqof Mercieca ser jiġi ppreżentat ukoll bi kwadru ta' pittura tiegħu (*portrait*) mill-artist Għawdxi Manuel Farrugia. Din il-pittura ser titpoġġa fir-residenza tal-Arċisqof fl-Imdina, f' sala fejn hemm il-kwadri tal-Isqfijiet li mexxew l-Arċidjoċesi ta' Malta.

Il-Quddiesa tal-lejla ser titmexxa mill-Arċisqof Pawlu Cremona. In-Nunzju Appostoliku, Mons. Aldo Cavalli, l-Isqof Mario Grech, l-Isqof Awżiljarju Charles J. Scicluna u l-Isqof Joe Alessandro O.F.M. Kapp. ser jikkonċelebraw, filwaqt li l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca ser jassisti matul din il-Quddiesa.

Il-Quddiesa ser tixxandar dirett fuq TVM2, Rtk u Radju Marija.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org